MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 2933/1997/1

**R.A.B. Limited**

**vs**

**Sterling Parks Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta'(Lm4816.79) erbat elef tmin mija u sittax il-lira disa u sebghin centezmu, prezz ta' merkanzija u riklamar kuntrattat mis-socjeta attrici a favur is-socjeta konvenuta, u li ghalih kien dovut tali hlas;

Illi interpellata sabiex thallas is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:
Tikkundannaha sabiex thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' (Lm4816.79) erbat elef tmin mija u sittax-il lira disa u sebghin centezmu, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri bonarji tas-6 ta' Awissu 1997 u tal ittra ufficjali tal-14 ta' Ottubru 1997 u bl-imghaxijiet mill-konsenji kif dawn jirrisultaw kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie ecepit :

Illi mis-somma mitluba ta' erbat elef, tmien mija u sittax-il lira u disgha u sebghin centezmu (Lnm4,816.79) hemm porzjoni ta' erbat elef u ghoxrin lira (Lm4,020) li assolutament m'humiex dovuti u porzjon ta' seba' mija u disgha u sittin lira u disgha u sebghin centezmu (Lm769.79) li huma pacjuti b'somma akbar li l-attur ghandu jaghti lill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tas-socjeta konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2003;

Ikkonsidrat :

Is-socjeta attrici tippretendi li s-socjeta konvenuta hi debitrici taghha fis-somma ta' erbat elef tmin mija u sittax il-lira maltin u disa u sebghin centezmu (Lm4816.79) prezz ta' merkanzija u riklamar kuntrattat mis-socjeta attrici a favur is-socjeta konvenuta;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta teccepixxi li mill-imsemmija somma komplessiva s-somma ta' Lm4020 assolutament mhux dovuta. Il-bilanc ta' Lm769.79 ghandu jigi pacjut b'somma akbar li s-socjeta attrici ghandha tghati lis-socjeta eccipjenti. Fid-dikjarazzjoni taghha s-socjeta konvenuta specifikat li s-socjeta attrici kienet issuplit lis-socjeta konvenuta xkaffar u dan l-ixkaffar kien gie debitament imhallas mis-socjeta konvenuta. Wara li sar dan il-pagament is-socjeta atrici indebitament, skond il-konvenuti, bdiet titlob il-hlas tas-somma ta' Lm4020;

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta attrici kienet tissuplixxi lis-socjeta konvenuta ghal hanut taghha li kellha fl-ajruport merkanzija konsistenti f'oggetti tal-helu. Din il-merkanzija giet supplita lis-socjeta konvenuta f'diversi okkazzjonijiet u fadal bilanc li ghandu jithallas mis-socjeta konvenuta li jammonta ghas-somma ta' Lm796.79. Dan hu ammont li hu accettat mis-socjeta konvenuta li pero' tikkontendi li ghandha tiehu somma ferm akbar minnghand is-socjeta attrici u ghalhekk sa l-imsemmi ammont, skond is-socjeta konvenuta, ghandu jkun hemm tpacija;

Is-socjeta konvenuta, f'dan ir-rigward, tghamel referenza ghal fatt li kienet ordnat minghand is-socjeta attrici xkaffar ghall-istess hanut. Dan l-ixkaffar gie konsenjat u tqieghed

fl-imsemmi hanut u jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li s-socjeta konvenuta hallset l-prezz kollu ghal dan l-ixkaffar u cioe hallset is-somma ta’ circa Lm22000;

Is-socjeta attrici ghar-rigward ta’ dan l-ixkaffar tikkontendi li waqt li kien qed jitqieghed l-istess xkaffar is-socjeta konvenuta ordnat li ssir estensjoni mal-istess xkaffar u dana fit-tul tal-arbli vertikali li jzommu l-ixkaffi weqfin u dana sabiex ma dawn ikunu jistghu isiru xi reklami. Is-socjeta attrici tikkontendi li dan ix-xoghol sar u s-socjeta attrici sabet ukoll minn ried jiehu dawn ir-reklami u pprovdiet ukoll il-materjal ghal dawn ir-reklami. Skond is-socjeta attrici ghal dan kollu ghad ghandha tiehu s-somma ta’ Lm4125, liema somma kienet tinkludi l-“fixtures” tal-metall li twahhlu bhala estensjoni tal-ixkaffar u l-materjal tar-reklami. Peress li s-socjeta konvenuta ma accettatx il-materjal tar-reklami, is-socjeta attrici qablet li jkun hemm tnaqqis ta’ Lm105 mill-imsemmija somma ta’ Lm4125;

Ghalhekk il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici jirrigwardaw is-somma ta’ Lm796.79 ghall-imsemmija merkanzija mibjugha lis-socjeta konvenuta u s-somma ta Lm4020 ghall-estensjoni fl-ixkaffar u materjal ta’ reklamar;

Is-socjeta konvenuta ssostni li l-imsemmi ammont ta’ Lm4020 mhux dovut u dana stante li dak li s-socjeta attrici qed tqis bhala estensjoni tal-ixkaffar in effett kien parti mill-ordni originali. Inoltre l-materjal tar-rekamar kien hazin u mhux skond is-sengha;

In effett is-socjeta attrici tippretendi li kellha tiehu hsieb tordna l-mterjal ghar-rklamar minghand terzi u f’dan ir-rigward nefqet is-somma ta’ Lm1930, inkluz il-VAT, u dan l-ammont, skond is-socjeta konvenuta, ghandu jithallas mis-socjeta attrici. Ma dan l-ammont in parti ghadha ssir tpacija tal-imsemmija somma ta’ Lm796.79 dovuta ghal merkanzija supplita mis-socjeta attrici;

L-imsemmija pretensjoni tas-socjeta attrici ghar-rigward tas-somma ta’ Lm4020 ma tirrizultax sufficjentement pruvata. Ma jirrizultax b’mod car u prciz ghall xix effettivament tirreferi din il-pretensjoni attrici. F’dan ir-rigward hemm divergenzi bejn dak li gie premess fic-citazzjoni u provi li pproduciet is-socjeta attrici. Id-dokument li gie esibit mis-socjeta attrici f’dan ir-rigward (fol.51) mhux konklusiv. Ma jirrizultax jekk l-imsemmi ammont jirreferix ghall-estensjoni jew ghall-materjal tar-reklamar, filwaqt li xhud prodott mis-socjeta attrici jikkonferma li l-imsemmi ammont jinkludi kemm il-metall ghall-estensjoni kif ukoll il-materjal tar-reklamar. Lanqs ma jista jigi eskluz dak li qed tikkontendi s-socjeta konvenuta u cioe li ma kien hemm l-ebda estensjoni u dan kollu kien jifforma parti mill-ordni originali, li l-prezz taghha kien jammonta ghal somma sostanzjali;

Minn naha l-ohra il-pretensjoni tas-socjeta konvenuta li ghar-rigward tas-somma ta’ Lm796.79 hemm tpacija ma tirrizultax b’mod sufficjenti. In effett id-dejn, li s-socjeta konvenuta tippretendi li s-socjeta attrici ghandha tghati, ma jistax jinghad li hu likwidu u li hu dovut.Ghalhekk ai termini tal-artikoli 1196 u 1197 tal-Kodici Civili f’dan il-kaz almenu f’dan l-istadju ma jistax jinghad li hemm tpacija kif qed tippretendi s-socjeta konvenuta;

Fid-dawl ta’ dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkoti pero’ limitatament ghas-somma ta’ Lm796.79;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa in parte l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa in parte t-tabiet attrici u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ seba mija u sitta u disghin liri maltin u disa u sebghin centezmi (Lm796.79) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ oggetti tal-helu mibjughin u

kkonsenjati lis-socjeta konvenuta u dana bl-imghaxxijiet kollha skond il-ligi mill-15 ta' Lulju 1997;

Tichad it-talbiet l-ohra attrici;

Spejjez jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mis-socjeta attrici u kwantu ghar-rimanenti kwart (1/4) mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------